# Il-Ħadd 31.03.2019

1. Illum 31/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, f'Misraħ il-Knisja ser ikun hawn il-*Blood Donation Unit*.
   - Fil-11:00am - Quddiesa fil-Konkatidral li fiha Mons. Arċisqof ser jilqa' t-talba biex tinfetaħ il-kawża għall-Beatifikazzjoni u għall-Kanonizzazzjoni ta' Bro Louis Camilleri F.S.C., Brother tad-*De La Salle*. B'hekk man-*noticeboards* hemm imwaħħal tagħrif fil-qosor dwar il-ħajja ta' dan ħuna. Kull min għandu xi tagħrif jew materjal ieħor mitlub jgħaddih lill-Kanċellerija tat-Tribunal tal-Arċidjoċesi ta' Malta fil-Belt Valletta.
   - Issa li daret is-siegħa, infakkar li l-quddiesa ta' filgħaxija tal-Ħadd tkun fis-6:00pm.
   - Tul dawn l-aħħar jiem tar-Randan tqiegħdu kaxxi għad-donazzjonijiet finanzjarji kif ukoll qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika bħala karità u għajnuna għall-persuni fil-bżonn.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tlieta, 02/04 PM: Triq in-Nassaba (il-ġdida)
   - L-Erbgħa, 03/04 PM: Triq l-Iskola
   - Il-Ħamis, 04/04 PM: Triq il-Ħajt Ruman

3. It-Tnejn 1/04:
   - Fil-4:45pm, fil-knisja parrokkjali, niċċelebraw l-Ewwel Qrara.

4. It-Tlieta 2/04 u l-Ħamis 4/04:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-tielet u r-raba' laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd** fil-knisja parrokkjali, li huma mmexxija mill-Kappillan.

5. Il-Ġimgħa 05/04, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
   u l-Aħħar laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar;
   - Mis-6:30pm sas-7:30pm - Quddiesa u Mument ta' Adorazzjoni tas-Salib,
     b'kant u talb stil Taizè, li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

6. Is-Sibt 06/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fuq iz-zuntier - Bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares.

7. Il-Ħadd 07/04, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara.

8. Avviżi mill-Kunsill Lokali, speċjalment b'rabta ma' Jum Ħal Safi:
   - Is-Sibt 06/04 u l-Ħadd 07/04: Mill-10:00am sas-1:00pm - Esebizzjoni minn Heritage Malta tal-fdalijiet storiċi misjuba f'Ħal Safi, fis-Sala Pietru Pawl Busuttil.
   - Is-Sibt 06/04: Mis-7:00pm - Esebizzjoni ta' pittura mill-artist Edward Milan fil-Foyer tas-sala tal-Iskola. Wara, fis-7:30pm - Serata tal-Għoti tal-Premju Onorefiċenza akkumpanjata mill-mużika u l-kant tal-Kor 'Sine Macula' fis-sala tal-Iskola Primarja.
   - Il-Ħadd 07/04, Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI**:
     Fl-10:30am - Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u tar-raħal tagħna. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill.

**P.T.O.=>**

9. Il-Ħadd 14/04, **Ħadd il-Palm**:
   - Fis-7:15pm - Il-Kor 'Sine Macula', ser jorganizza l-**Ikla tal-Għid bir-rit Lhudi**, fis-Sala tal-Iskola Primarja - Ħal Safi. Biljetti u dettalji mingħand il-membri tal-Kor stess.

10. Avviżi oħra:
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja tavża lil dawk il-ġenituri li uliedhom twieldu fis-sena 2016 u li għadhom ma kitbuhomx għall-klassijiet tal-Kindergarten, sabiex jagħmlu dan mill-aktar fis. Magħhom jieħdu il-karta tal-identita' tagħhom u l-aħħar kont tad-dawl u l-ilma.

11. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 365 bħala ġabra speċjali b'risq is-Seminarju;
   - € 270 minn ħarġa li kellna;
   - € 150 bħala donazzjoni għax-xiri u l-installazzjoni ta' dawl ġdid minflokk ir-rifletturi li jagħtu l-isfel fil-knisja, biex hekk niffrankaw anke l-konsum. Kif tistgħu taraw qed nagħmlu l-ewwel prova minn 3 stimi li ġbarna. Napprezza kummenti u donazzjonijiet b'risq dan il-proġett prinċipali. Grazzi bil-quddiem.

12. Nitolbu għal Karmenu Zahra li għadda għal ħajja ta' dejjem.
    Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...